**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 17 ta' Frar 2025**

**Rik. Gur.Nru.: 366 /2024 JPG**

**Kawza nru.: 29**

**RP**

**Vs**

**TMP**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' RP datat 18 ta' Lulju 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewwgu nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) fil-Knisja Parrokjali tal-Kalkara, u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala* ***Dokument A.***
2. *Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied: RVP u FP illi illum huma maggorenni u ghandhom aktar minn X snin.*
3. *Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt data it-tnax (12) ta' April tas-sena elfejn u erbgha (2004) fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri Soler, kopja annessa u mmarkata bhala* ***Dokument B****.*

4. *Illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet rigwardanti arretrati ta' manteniment*

*peress li l-partijiet iddekadew reciprokament mid-dritt taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin, mentri l-ulied illum ghandhom 'l fuq minn tletin (30) sena.*

5. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet peress illi huma ilhom legalment separati minn xulxin sa mis-sena elfejn u erbgha (2004). In oltre', il-partijiet ilhom ghal snin shah jghixu hajja totalment separata u indipendenti minn xulxin.*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

7. *Illi l-esponenti qieghed jannetti l-affidavit tieghu, ma dan ir-rikors, mmarkat* ***Dokument C.***

*Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

A. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg ta' bejn il-partijiet ai termini tal-Artikoli 66A et sequitur tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
B. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat ir-risposta ta' TMP datata 3 ta' Ottubru 2024, a fol 16, li taqra hekk:

*Illi l-esponenti tiddikjara li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment bejn il-partijiet;*

*Illi inoltre, tiddikjara li ma hemm ebda prospett jew tama li l-partijiet jirrikonciljaw tant illi llum iz-zewg partijiet jghixu hajja separata u indipendenti u ilhom hekk ghal circa ghoxrin (20) sena;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini ta' 66A et sequitur tal-Kap.16;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fil-perjodu stipulate minn din l-Onorabbli Qorti, jgharraf lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bix-xoljiment taz-zwieg tal-partijiet, sabiex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku;*

*B'dan illi l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sapportati mir-rikorrenti li ghogbu jaghmel din it-talba.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** permezz tal-affidavit **(a fol 12)** illi il-kontendenti izzewgu nhar l- hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986). Minn dan iz-zwieg twieldu zewg ulied RVP u FP li illum magorenni. Xehed illi il-kontendenti sseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali nhar it-12 ta' April 2004 fl-atti tan-nutar Dr Peter Fleri Soler. Di piu', ikkonferma illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni

kif ukoll li ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**L-intimata** xehdet viva voce nhar il-11 ta' Novembru 2024 (**a fol 18**) u kkonfermat u korroborat ix-xhieda ta' zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar il-hamsa (5) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) liema zwieg jgib certifikat numru 1823/1986 (Vide certifikat taz-zwieg, Dok A fol 3). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler nhar it-12 ta' April 2004 (Vide fol 4 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib c-certifikat numru 1823/1986 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**